



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Marzu 2024
(OR. en)

6769/24
ADD 1 REV 1
LIMITE
PV CONS 5
RELEX 218

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin)
19 ta' Frar 2024

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Ġrajjet kurrenti

Il-Kunsill iddiskuta l-Belarussja u s-sitwazzjoni tal-oppożizzjoni demokratika fir-Russja.

4. L-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar ir-rispons tal-UE fir-rigward tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

5. Is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill iddiskuta s-sitwazzjoni li qed tevolvi fir-reġjun, inkluż il-ħtiġijiet umanitarji.

6. Is-Sahel

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-involviment tal-UE fis-Sahel.

7. Affarijiet oħra

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mil-Latvja, li kienet qed tirrappreżenta wkoll il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja, dwar il-ħtieġa għal solidarjetà tal-UE wara d-deċiżjoni tal-Ministeru għall-Intern Russu li jniedi investigazzjonijiet kontra diversi individwi ta' dawk l-Istati Membri (dokument 6685/24).

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 6641/24

Dwar il-punt "A"
nru 10:

Politika ta' diliġenza dovuta tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali dwar l-appoġġ tas-settur tas-sigurtà lil partijiet terzi (EU HRDDP)
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA

"Dikjarazzjoni Nazzjonali dwar il-politika ta' viġilanza tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali meta jiġu appoġġati partijiet terzi fis-settur tas-sigurtà
Coreper II fl-14.02.2024.

(2.2 rispons għal kwistjonijiet ta' ġeneru)

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali.

Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa bħala valur fundamentali fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fl-Artikolu 2 TUE u fl-Artikolu 8 TFUE.

F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala riferiment għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala riferiment għall-"ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel".

Dwar il-punt "A"
nru 19:

Aċċess pubbliku għad-dokumenti
Applikazzjoni konfermatorja Nru 01/c/01/24
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MIL-LATVJA

"Il-Ministeru għas-Saħħa jopponi kategorikament il-pożizzjoni tal-Kunsill kif tinsab fit-tweġiba tad-dokument 5189/24 dwar it-talba għall-iżvelar 01/c/01/24 ta' dokumenti relatati mal-għaxar sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u mal-pożizzjoni tal-UE dwar id-diversi kwistjonijiet li għandhom jiġu diskussi fil-Konferenza.

Abbażi tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, l-aċċess għal dokument li jkun fih dikjarazzjoni ta' fehmiet għal skopijiet interni relatati ma' deliberazzjonijiet u diskussjonijiet preliminari fi ħdan l-istituzzjoni kkonċernata jista' jiġi rrifjutat, anki meta deċiżjoni tkun diġà ttehdet, meta l-konsultazzjoni tad-dokument iddgħajjed serjament it-tehdid ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjoni, sakemm tali konsultazzjoni ma tkunx fl-interess pubbliku prevalenti."

Dwar il-punt "A"
nru 26:

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Guinea Bissau għal protokoll ta' implimentazzjoni ġdid tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tqis li huwa legalment żbaljat li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-bidu ta' negozjati tindika bażi ġuridika sostantiva.

Id-Deċiżjoni li tawtorizza l-bidu ta' negozjati hija bbażata biss fuq l-eżistenza ta' setgħat konferiti tal-Unjoni u mhux fuq id-determinazzjoni ta' kompetenza speċifika. L-effett tagħha huwa limitat għall-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni jew lir-Rappreżentant Għoli, skont il-każ, biex jużaw il-prerogattivi tagħhom skont it-Trattati tal-UE sabiex jibdew in-negozjati. Għaldaqstant, l-ambitu ta' dawn in-negozjati huwa ddeterminat mill-ambitu tas-setgħat tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-libertà tas-sieħeb previst fit-trattat tal-Unjoni fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ambitu tan-negozjati ma tistax tiġi limitata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-bidu tan-negozjati. Għalhekk, il-bażi ġuridika preċiża għall-ftehim futur tista' tiġi determinata biss wara li l-kontenut tal-ftehim ikun magħruf.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward."
